**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 25 ta' Settembru 2024**

**Kumpilazzjoni numru: 391/2024**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Darryl Farr)**

**(Spettur Roxanne Tabone)**

**(Spettur Nico Zarb)**

**kontra**

**Hamza Kazra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imsemmi **Hamza Kazra** ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Nour Eldin u Naima nee' Elkhabli, imwieled ġewwa l-Libja, nhar is-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989), residenti fl-indirizz numru għoxrin (20), Sapphire, Flat 1, Triq Giovanni Shranz, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 0207801(A).

U, nakkużawh talli b'diversi atti magħmulin minnhu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, nhar is-sitta (6) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u/jew fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel, ġewwa l-Gżejjer Maltin:

1. Xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeg misruqa, meħudin b'qerq, jew akkwistati b'reat, li jikkonsistu fosthom f'Apple Iphone mudell 14, Apple Iphone mudell 13 pro, Apple Iphone mudell 14 pro, erba' (4) Apple Iphones mudell 13, Apple Iphone mudell 15, żewġ (2) Apple Iphones mudell 13 pro

max, Apple Iphone mudell 14 pro max, Apple Iphone mudell 12 pro, Apple Iphone mudell XR, Xiaomi mudell Redmi note 8 pro u/jew oġġetti oħra li b'kollox jammontaw għal aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) , liema oġġetti jappartjenu lil Blandes Garcia Candela u/jew Liselotte Emma Barbara u/jew Cai Xinnong u/jew Rushamazi Mwarabu u/jew Rukkhapan Soraya u/jew Vinot Asian Margererite Maria u/jew Yamashita Sakura u/jew Miguez Victoria u/jew ta' diversi persuni fiżiċi u/jew ġuridiċi oħra; (Artikolu 334, 334(a) tal-Kodiċi Kriminali);

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi wara li sar jaf li l-oġġetti li kienu fil-pussess tiegħu huma misruqa jew meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, naqas milli jgħarraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi żmien ġimgħa minn meta sar jaf; (Artikolu 334A tal-Kodiċi Kriminali);

F'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża;

Rat id-dokumenti eżebiti;

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement pruvati skond il-liġi.

Għall-finijiet ta' piena, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi. Qabel xejn tinnota li l-ammissjoni tal-imputat ma kienetx waħda bikrija, tant li parti sostanzjali tal-provi kienu diġa ġew mismugħa meta l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet kontestati lilu.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali netta tal-imputat, in-natura tar-reati li tagħhom huwa ddikjara li huwa ħati, kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-valur tal-oġġetti misruqa li ġew misjuba għand l-imputat jammonta għal madwar tmintax-il elf ewro (€18,000).

Ħadet nota tal-fatt li parti sostanzjali ta' l-oġġetti misruqa ġew eżebiti f'dawn il-proċeduri u li dawn ġew ritornati lill-proprjetarji relattivi in segwitu għal talbiet appożiti li saru f'dawn il-proċeduri. Ħadet nota ukoll tad-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-oġġetti l-oħra misruqa, misjuba għand l-imputat, jinsabu għand il-Pulizija u ma setgħux jiġu ritornati lill-vittmi għaliex jgħixu barra minn Malta jew għadhom ma ġewx identifikati. Illi għaldaqstant ma tirriżultax il-ħtieġa li din il-Qorti tapplika fil-konfront tal-ħati d-disposizjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tqis *in oltre* li fit-trattazjoni orali dwar il-piena li saret mill-partijiet, jirriżulta ċar li kemm il-prosekuzzjoni, kif ukoll id-difiża qablu li l-imputat għandu l-vizzju tad-droga u li għandu bżonn l-għajnuna rigward dan il-vizzju.

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 261(ċ), 267, 279(b), 334(a), 334A, kif ukoll l-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat Hamza Kazra ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u qegħda tikkundannah għall-piena ta' dsatax (19)-il xahar priġunerija effettiva, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament

għall-perijodu ta' tliet (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dan l-Ordni ta' Trattament qiegħed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata it-trattament u l-kura kollha meħtieġa, sabiex jirriabilita ruħu mill-vizzju ta' l-abbuż ta' droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni tal-istess Ordni ta' Trattament, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

In vista tal-konsiderazzjonijiet magħmula, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation, kif ukoll lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara